

Brussell, 17 ta' Jannar 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0002(NLE)

5394/22
ADD 2

FISC 14
ECOFIN 45

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 8 final
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tal-aġġornament ta' ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 8 final.

Mehmuż: COM(2022) 8 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2022
COM(2022) 8 final

ANNEX 2

ANNEX

tal-Proposta

għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tal-
aġġornament taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa**

ANNEX II

“ANNEX II

Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament

L-UNJONI EWROPEA

ĊERTIFIKAT TAL-EŻENZJONI MILL-VAT U/JEW MID-DAZJU

TAS-SISA (*)

(Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 151 – u Direttiva 2008/118/KE – Artikolu 13)

Numru tas-serje (mhux obligatorju):	
1. KORP/INDIVIDWU ELIĠIBBLI	
Deżinjazzjoni/išem	
Triq u Numru	
Kodiċi postali, post	
Stat Membru (Ospitanti)	
2. L-AWTORITÀ KOMPETENTI RESPONSABBLI GĦALL-ITTIMBRAR (isem, indirizz u n-numru tat-telefon)	
3. DIKJARAZZJONI MILL-KORP/INDIVIDWU ELIĠIBBLI	
Il-korp jew individwu eliġibbli ⁽¹⁾ b'dan jiddikjara	
(a) li l-oġġetti u/jew servizzi msemmija fil-kaxxa 5 huma maħsuba ⁽²⁾	
<input type="checkbox"/> Għall-użu uffiċjali ta'	<input type="checkbox"/> Għall-użu personali ta'
<input type="checkbox"/> missjoni diplomatika barranija	<input type="checkbox"/> membru ta' missjoni diplomatika barranija
<input type="checkbox"/> rappreżentazzjoni konsulari barranija	<input type="checkbox"/> membru ta' missjoni konsulari barranija
<input type="checkbox"/> korp Ewropew li għalih japplika l-protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea	
<input type="checkbox"/> organizzazzjoni internazzjonali	<input type="checkbox"/> membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali
<input type="checkbox"/> il-forzi militari ta' Stat li huwa parti kontraenti tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (forzi armati tan-NATO)	
<input type="checkbox"/> il-forzi armati ta' Stat Membru li qed jjiehu sehem f'attività tal-Unjoni taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK)	
<input type="checkbox"/> il-forzi armati tar-Renju Unit stazzjonati fil-gżira ta' Ċipru	
<input type="checkbox"/> Għall-użu mill-Kummissjoni Ewropea jew minn kwalunkwe aġenzija Ewropea jew korp li jwettaq il-kompiti tiegħu b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19	
(deżinjazzjoni tal-istituzzjoni) (ara kaxxa 4)	
(b) li l-prodotti u/jew servizzi deskritti fil-kaxxa 5 huma konformi mal-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li japplikaw għall-eżenzjoni fl-Istat Membru msemmi fil-kaxxa 1, u	
(c) li l-informazzjoni ta' hawn fuq hija fornuta <i>in bona fide</i> .	
Il-korp jew individwu eliġibbli b'dan qiegħed jintrabat li jħallas lill-Istat Membru li minnu telqu l-prodotti jew li minnu ġew furnuti l-prodotti u s-servizzi, il-VAT u/ jew id-dazju tas-sisa li jkun dovut jekk il-prodotti u/jew is-servizzi ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni, jew jekk il-prodotti u/jew is-servizzi ma ntużawx bil-mod oriġinalment maħsub.	
Post, data	Isem u l-istatus tal-firmatarju
	Firma
4. TIMBRU TAL-ISTITUZZJONI (f'każ ta' eżenzjoni għall-użu personali)	
	Isem u l-istatus tal-firmatarju

Post, data	Timbru	Firma
------------	--------	-------

5. DESKRIZZJONI TAL-PRODOTTI U/JEW SERVIZZI, LI GĦALIHOM HIJA MITLUBA L-EŻENZJONI MILL-VAT U/JEW MID-DAZJU TAS-SISA

A. Informazzjoni li tikkonċerna l-fornitur/dak li jjeħu ħsieb il-maħżen awtorizzat

(1) Isem u indirizz:

(2) Stat Membru

(3) Numru tal-VAT jew numru ta' referenza tat-taxxa/tas-sisa

B. Informazzjoni li tikkonċerna l-prodotti u/jew is-servizzi:

Le	Deskrizzjoni ddettaljata tal-prodott u/jew servizz ⁽³⁾ (jew referenza għall-formola tal-ordni mehmuża)	Kwantità jew numru	Valur mingħajr VAT u dazju tas-sisa		Munita
			Valur għal kull unità	Valur totali	
Ammont totali					

6. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU OSPITANTI

Il-konsenja/forniment tal-prodotti u/jew servizzi kif deskritti fil-kaxxa 5 tissodisfa/jissodisfa:

totalment sa kwantità ta' (numru)⁽⁴⁾

il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-dazju tas-sisa

Isem u l-istatus tal-firmatarju

Post, data

Timbru

Firma

7. PERMESS GĦAD-DISPENSA MIT-TIMBRU TAĦT IL-KAXXA 6 (fil-każ biss ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali)

Permezz ta' ittra bin-Numru:

Data:

Mill-istituzzjoni eliġibbli magħżula:

Maħruġ minn

L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti:

Dispensat mill-obbligu fil-kaxxa 6 li jinkiseb it-timbru

Isem u l-istatus tal-firmatarju

Post, data

Timbru

Firma

- (*) Ħassar kif xieraq.
 (1) Ħassar kif xieraq.
 (2) Agħmel salib fil-kaxxa rilevanti.
 (3) Ħassar l-ispazju mhux użat. Dan l-obbligu japplika wkoll jekk formoli tal-ordni huma mehmużin.
 (4) Prodotti u/jew servizzi mhux eliġibbli jenħtieġ li jitħassru fil-kaxxa 5 jew minn fuq il-formola tal-ordnijiet mehmuża.

Noti ta' spjegazzjoni

1. Għall-fornitur u/jew il-persuna responsabbli għall-maħżen awtorizzata, dan iċ-ċertifikat iservi bħala dokument ta' sostenn għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-forniment ta' prodotti u servizzi jew konsenji ta' prodotti lill-korpi/individwi eliġibbli msemmija fl-Artikolu 151 tad-Direttiva 2006/112/KE u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/118/KE. Għalhekk, ċertifikat wieħed għandu jiffassal għal kull fornitur/persuna responsabbli għall-maħżen. Barra minn hekk, il-fornitur/persuna responsabbli għall-maħżen huwa meħtieġ li jżomm iċ-ċertifikat fil-fajls tiegħu b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li japplikaw fl-Istat Membru tiegħu.
 2. (a) L-ispeċifikazzjoni ġenerali tal-karta li għandha tintuża hija stipulata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 164 tal-1.7.1989, p. 3.

Il-karta għandha tkun bajda għal kull kopja u jenħtieġ li tkun 210 millimetri b'297 millimetri b'tolleranza massima ta' 5 millimetri inqas jew 8 millimetri iktar fir-rigward tat-tul tagħha.

Għal eżenzjoni mid-dazju tas-sisa iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għandu jiffassal f'żewġ kopji:
 - kopja waħda biex tinżamm mill-konsenjatur;
 - kopja oħra biex takkumpanja l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.
 - (b) Kwalunkwe spazju mhux użat f'kaxxa 5.B. għandu jiġi maqtuġh b'sing ħalli xejn ma jista' jiġi miżjud.
 - (c) Id-dokument irid jimtela b'mod li jista' jinqara u b'tali mod li l-entrati ma jkunux jistgħu jitħassru. L-ebda tħassir jew kitba mill-ġdid ma huwa permess. Għandu jimtela b'lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti.
 - (d) Jekk id-deskrizzjoni tal-prodotti u/jew is-servizzi (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) tirreferi għal formola tal-ordni tax-xiri li saret f'lingwa oħra għajr lingwa rikonoxxuta mill-Membru tal-Istat ospitanti, traduzzjoni għandha tiġi mehmuża mill-korp/individwu eliġibbli.
 - (e) Min-naħa l-oħra, jekk iċ-ċertifikat ikun tfassal f'lingwa għajr waħda rikonoxxuta mill-Istat Membru tal-fornitur/persuna responsabbli għall-maħżen, traduzzjoni tal-informazzjoni li tikkonċerna l-prodotti u s-servizzi f'kaxxa 5.B għandha tiġi mehmuża mill-korp/individwu eliġibbli.
 - (f) Lingwa rikonoxxuta tfisser waħda mill-lingwi uffiċjali li tintuża fl-Istat Membru jew kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni li l-Istat Membru jiddikjara li tista' tintuża għal dan il-fini.
3. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu fil-kaxxa 3 taċ-ċertifikat, il-korp/individwu eliġibbli jipprovdi l-informazzjoni neċessarja għall-evalwazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fl-Istat Membru ospitanti.
 4. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat, il-korp jikkonferma d-dettalji fil-kaxxa 1 u 3(a) tad-dokument u jiċċertifika li l-individwu eliġibbli huwa membru tal-persunal tal-korp.
 5. (a) Ir-referenza għall-formola tal-ordni tax-xiri (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) irid ikollha fiha minn tal-inqas id-data u n-numru tal-ordni. Il-formola tal-ordni jenħtieġ li jkollha fiha l-elementi kollha li jidhru fil-kaxxa 5 taċ-ċertifikat. Jekk iċ-ċertifikat ikollu jkun ittimbrat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, il-formola tal-ordni għandha tkun ittimbrata wkoll.
 - (b) L-indikazzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni tas-sisa kif definit fl-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2073/2004 tas-16 ta' Novembru 2004 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa mhijiex obligatorja; in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' referenza tat-taxxa irid ikun indikat.
 - (c) Il-muniti jenħtieġ li jkunu indikati permezz ta' kodiċi bi tliet ittri b'konformità mal-istandard kodiċi ISO 4217 li ġie stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni¹.
6. Id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq mill-korp/individwu eliġibbli; għandha tkun awtentikata fil-kaxxa 6 permezz tat-timbru tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Dik l-awtorità tista' tagħżel li l-approvazzjoni tagħha tkun tiddependi fuq il-qbil minn awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha. Huwa f'idejn l-awtorità tat-taxxa kompetenti biex takkwista tali qbil.
 7. Sabiex il-proċedura tiġi ssimplifikata, l-awtorità kompetenti tista' tiddispensa mill-obbligu tal-korp eliġibbli biex jitlob timbru fil-każ ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali. Il-korp eliġibbli jenħtieġ li jsemmi din id-dispensa fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat."

¹ Bħala indikazzjoni, xi kodiċijiet relatati mal-muniti attwalment użati: EUR (euro), BGN (lev), CZK (krona Ċeka), DKK (krona Daniża), GBP (Lira sterlina), HUF (forint), LTL (litas), PLN (zloty), RON (leu Rumenu), SEK (krona Żvediża), USD (dollaru Amerikan).